31990R1737

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1737/90
tas-26 ta' Ġunju 1990
li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 109/80 dwar l-applikazzjoni tar-rata ta' rifużjoni l-iktar baxxa fuq l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti fis-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta'Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1235/89 [2], u partikolarment Artikolu 9(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1235/89, u partikolarment Artikolu 9(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2774/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 li jippreskrivi regoli ġenerali għall-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-bajd u l-kriterji li jiffissaw l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet [4], u partikolarment Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2779/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 li jippreskrivi regoli ġenerali għall-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' laħam tat-tjur u l-kriterji li jiffissaw l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet [5], u partikolarment Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 109/80 [6] jindika l-intestaturi jew is-subintestaturi ta' prodotti li għalihom il-fatt li ebda rifużjoni ta' flus fuq esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti tal-Amerika m'hi fissata m'għandux jiġi meqjus f'ċerti każi;

Billi, biex jitqiesu ċ-ċirkostanzi preżenti fir-Repubblika Demokratika Ġermaniża u l-effetti tagħhom fuq is-sitwazzjoni tas-suq, ebda rifużjoni m'għandha tiġi fissata fuq bajd u prodotti tal-laħam tat-tjur esportati lejn dak il-pajjiż; billi l-fatt li l-għotja lura mhix fissa m'għandux jitqies biex tiġi determinata l-aktar rata baxxa ta' rifużjoni;

Billi prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1602 39 11 u li għalihom rifużjoni fuq l-esportazzjonijiet għall-Istati Uniti tal-Amerika jew lejn ir-Repubblika Demokratika Ġermaniża mhijiex fissata għandhom jiżdiedu mal-prodotti msemmija fir-Regolament (KEE) Nru 109/80;

Billi Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 192/75 [7] kien sostitwit b'Artikolu 20(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87 [8];

Billi l-miżuri li jiddisponi għalihom dan ir-Regolament jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Laħam tat-Tjur u tal-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 109/80 qed jiġi hawn mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Il-fatt li ebda rifużjoni m'hi fissata għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0105 11, 0105 19, 0207 (eskluži 0207 31, 0207 39 90 u 0207 50), 0407, 0408 u 1602 39 11 u li huma esportati lejn l-Istati Uniti tal-Amerika jew lejn ir-Repubblika Demokratika Ġermaniża m'għandux jitqies:

— biex tkun stabbilita r-rata l-iktar baxxa ta' rifużjoni għall-għanijiet ta' Artikolu 20(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87 (*),

— biex jiġu applikati Artikoli 4(7) u 5 (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 565/80 (**).

(*) ĠU L 351, ta' l-14.12.1987, p. 1.
(**) ĠU No L 62, tas-7.3.1980, p. 5."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika b'effett mit-2 ta'Ġunju 1990.

(1) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49.
(2) ĠU L 128, tal-11.5.1989, p. 29.
(3) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.
(4) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 68.
(5) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 90.
(6) ĠU L 14, tad-19.1.1980, p. 30.
(7) ĠU L 25, tal-31.1.1975, p. 1.
(8) ĠU L 351, ta' l-14.12.1987, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 26 ta'Ġunju 1990.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni